

32003R1224

L 172/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.7.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1224/2003**  
**tad-9 ta' Lulju 2003**  
**li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2176/2000 (²), u partikolarmen l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti referuti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 kien stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli jaapplikaw wkoll għal xi nomenklatura oħra li hija totalment jew parżjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet spċifici tal-Komunità, bil-għan ta' l-applikazzjoni ta' tariffa u ta' miżuri oħrajn li jirrigwardjaw il-kummerċ f'oġġetti.
- (3) Permezz ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu kklasifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet elenkti fil-kolonna 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Lulju 2003.

(4) Huwa xieraq li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tkun skond dan ir-Regolament, tista tibqa tkun invokata mid-detentur, permezz ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi il-Kodiċi Komuni Doganali (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴), għal perijodu ta' tlett xhur.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwardom f-dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom ikunu kklasifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li ma hix konformi dan ir-Regolament tista tibqa li tkun invokata permezz ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perijodu ta' tlett xhur.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

(²) ĠU L 331, tas-7.12.2002, p. 3.

(³) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

(⁴) ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17.

## ANNEX

Description of the goods (1)	Classification CN code (2)	Reasons (3)
1. Non-alcoholic beverage consisting of carbonated water, sucrose, glucose, citric acid, taurine (0,4 %), glucuronolactone (0,24 %), caffeine (0,03 %), inositol, vitamins, flavours and colours. It is presented as an energy drink in cans holding 250 ml.	2202 10 00	Classification is determined by general rules 1 and 6 for the interpretation of the Combined Nomenclature, note 3 to Chapter 22, additional note 1 to Chapter 22 and by the wording of CN codes 2202 and 2202 10 00. The fact that the product contains, <i>inter alia</i> , taurine, caffeine and vitamins does not exclude it from subheading 2202 10 00 (see the harmonised system explanatory note to heading 2202, part (A), item (2), and the Combined Nomenclature explanatory note to CN code 2202 10 00).
2. Non-cellular plastic film of a total thickness of approximately 0,011 mm consisting of a film of poly(ethylene terephthalate) (PET), metallised on one side with aluminium which is subsequently coated with a layer of alkylated melamine resin (lacquer). The predominant plastic is poly(ethylene terephthalate). The layer of metal is applied by vacuum deposition and the metallised film transmits light. The film can be used in the production of rescue blankets.	3920 62 19	Classification is determined by the provisions of general rules 1 and 6 for the interpretation of the Combined Nomenclature, and by the wording of CN codes 3920, 3920 62 and 3920 62 19. The metallised plastic film can not be regarded as a product of heading 3921 since the metal layer applied by vacuum deposition is not to be considered as a reinforcement of the plastic film (see also the harmonised system explanatory note to heading 3920).